MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 245/2008

**Pierre Farrugia**

**Vs**

**John Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta` Marzu, tas-sena 2008, in forza ta` liema gie mitlub sabiex il-konvenut John Azzopardi jigi kkundannat ihallas lil attur is-somma ta` €582.34c gia` Lm250 rapprezentanti ammont ekwivalenti ta` flus li kienu gew mislufa lil konvenut brevi manu fil-25 ta` Novembru, 2006.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra interpellatorja tas-6 ta` Dicembru, 2007 u bl-imghax legali dekorribbli mill-25 ta` Novembru, 2006 meta kien sar is-self kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fl-24 ta` April, tas-sena 2008 in forza ta` liema huwa ammetta illi kien silef xi flus minghand l-attur izda jallega illi llum il-gurnata huwa ma ghadux debitur ta` l-attur kif kien se jigi ppruvat waqt is-smiegh ta` din il-kawza.

It-Tribunal ra illi fis-seduta tal-25 ta` April, 2008 huwa ordna sabiex fis-seduta odjerna ta` llum kellu jingiebu l-provi kollha tal-partijiet fejn l-ewwel kellu jibda` jixhed u jgib il-provi l-konvenut minhabba n-natura ta` l-eccezzjoni tieghu.

Innota illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa` ma deherx biex jippresta x-xhieda tieghu u kif ukoll naqas li jgib il-provi in sostenn ta` l-eccezzjonijiet imressqa minnu.

Ra illi gie ddikjarat illi in vista tan-nuqqas da parti tal-konvenut il-provi tieghu gew iddikjarati maghluqa u ghalhekk sema` x-xhieda ta` l-attur li bil-gurament tieghu kkonferma l-ammont illi huwa kien silef lil konvenut u kif ukoll ikkonferma l-fatt illi sa l-gurnata ta` llum l-ammont minnu misluf lil konvenut baqa` ma thallasx.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut kwindi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lil konvenut John Azzopardi sabiex ihallas lil attur is-somma kif mitluba ta` Lm582.34c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-kawza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------